

# IL-BELT VICTORIA

Harġa
Speċjali
F'Egħluq
l-1700 Sena
Mit-Twelid
Ta'
San Ġorġ
Martri

Nru 19
Lulju - Awissu 1984

# IL-FESTA MAGĦNA

Dħalna fix-xahar ta' Lulju, u mall-wasla ta' dan ix-xahar ta' kull sena l-qalb ta' kull Għorġjan tibda tħabbat sitta sitta. Nintlew b'ferħ kbir, qalbna tixgħel bl-entużjażmu, waqt li ħerqana nkunu lesti niffesteġġjaw l-Għid tal-Kbir Martri ta' Lydda - SAN GORG MEGALOMARTRI - Patrun tal-Gżira Għawdxija.

Din is-sena, forsi iktar minn snin oħra, għandna tabilħaqq għax nifirħu bil-festa tagħna. Se jkollna **festa ċentinarja, festa straordinarja, festa grandjuża. Kif tafu, qegħdin niċċelebraw egħluq l-1700 sena mit-Twelid ta' San Ġorġ; f'din l-okkażjoni l-Knisja Bażilika tagħna se tfakkar kif jixraq dan l-avveniment singulari billi stiednet imexxu l-funzjonijiet ewlenin żewġ prinċpijiet tal-Knisja:** L-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Corrado Ursi u l-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Opilio Rossi. Flimkien ma' dawn se jieħdu sehem ukoll l-ogħla dinjitarji tal-Knisja f'Malta u Għawdex. Minn Ruma, ukoll, se tinġib ir-Relikwija Mirakoluża tal-Qaddis, li tinsab meqjuma fil-Bażilika Al Velabro.

Dawn il-jiem tal-festa huma l-isbaħ u l-aqwa okkażjoni biex aħna nersqu iktar lejn it-tempju Għorġjan imwaqqaf fil-qalba ta' beltna. Din il-knisja tagħna, li mingħajr ebda ftaħir fieragħ, nistgħu nxebbħuha mall-knejjes monumentali ta' Ruma, qegħdha f'dawn il-granet tistedinna sabiex immorru bi ħġarna nagħtu qima lil San Ġorġ. Din l-istedina aħna nilqgħuha bil-ferħ.

Il-festa ta' San Ġorġ għandha tkun ta' fejda għal ruħna għaliex matul din il-festa aħna nitgħallmu nfasslu l-libsa ta' ħajjitna fuq dik tal-patrun tagħna San Ġorġ. Meta nisimgħu fuq il-ħajja erojka ta' dan il-qaddis u fuq il-martirju aħrax li sofra, moħħna jiddawwal b'dak id-dawl saħħari li jurina t-triq tas-sewwa u tas-sliem.

Nagħmlu sejħa għalhekk mhux biss lill-parruċċani tagħna biex jieħdu sehem attiv f'dawn il-festi, iżda saħansitra lill-Għawdxin kollha. Wara kollox sa mill-imgħoddi din il-festa kienet meqjusa bħala l-festa prinċipali tal-gżira Għawdxija, il-festa t'Għawdex kollu, għax ġrajjietha huma minsuġa ma' dik tal-knisja tiegħu. Kien il-poplu Għawdxi kollu li ħallas għall-bini ta' din il-knisja. L-ewwel statwa titulari li niesna raw fi gżiritna kienet dik ta' San Ġorġ. L-ewwel parroċċa bażilika li għamlet ġieħ lid-Djoċesi Għawdxija kienet ta' S. Ġorġ. Fuq kollox l-ewwel u l-unika parroċċa li għandha bħala r-ras tagħha lill-istess Isqof Djoċesan hija dik ta' San Ġorġ. Dawn huma l-ħjut li bihom intisġet il-ġrajja tal-Parroċċa Bażilika ta' San Ġorġ tal-Belt Victoria, li ż-żmien fil-mixja qerrieda tiegħu ma jista' qatt iżarrad.

Tajjeb għalhekk li Għawdex kollu jwieġeb għal din l-istedina u minn qalbu jsellem lill-Protettur qalbieni tiegħu. Hekk għamlu l-antenati tagħna meta fakkru ġrajjiet importanti mill-ħajja ta' dan il-Kbir Qaddis. Hekk għandna nagħmlu aħna llum sabiex ĠORĠI TAGĦNA jibqa' jixħet fuqna kull barka u sliem.

## IGĦALLIMNA SAN ĠORĠ!

Minn ċkunitna ħabbejna dil-Knisja
Illi niesna semmew għal SAN ĠORĠ
LEJH inġbidna minn demmna bla nafu
Li kien hu għal l-Insara bħal borġ![1]

SAN ĠORĠ ħabb it-Twemmin ta' l-INSARA,
Ħabb il-Knisja u tagħha l-PAPIET,
L-ISQFIJIET għalih dejjem għażiża
U f'dil-fidi hu trabba u miet!

Ma nistgħux aħna nħobbu dal-Martri
Jekk lill-Knisja fis-sew ma nħobbux;
Minn kull qerq u tgħajjir inħarsuha
Min f'dan jonqos SAN ĠORĠ ma jgħożżux!

B'liema għożża rabbewh, ġenituri
Hekk insara, f'tal-Knisja t-Tagħlim:
Huma wreh li bejn ALLA u ċesri
Li ta' L-EWWEL kull ħin dmiru jqim!

Għaliex ALLA, Minn Dejjem, Setgħani. . .
Hdejn il-bniedem hu traba ta' l-art!
Aktarx f'ġennu dal-bniedem jitkabbar . . .
Fl-aħħar ALLA jistqarrlu; "INT HQART"

Lill-Insara, lill-Knisja lill-Martri
Fosthom ĠORĠI li ħareġ rebbieħ!
Ftakar bniedem jekk int għadu t'Alla
Jista' jfarrkek u jtajrek mar-riħ!

Kemm tagħlim f'ħajjet ĠORĠI għalina,
Għal l-Insara. . . jew l-għadu qalil. . .
Min igħożż 'l Alla żgur jirbaħ il-ġlieda,
Min jistmerru, biss joħloq tfixkil!

SAN ĠORĠ ITLOB GĦALINA L-MALTIN,
WISQ GĦALINA, ULIEDEK GĦAWDXIN!

*Ġużè Cardona*

[1] difiża, fortizza

## LURA B'81 SENA . . .



**Dehra tal-Artal Maġġur tal-Knisja ta' San Ġorġ imżejjen għall-Festi Ċentinarji li saru fl-1903 biex ifakkru s-sittax il-mitt sena mill-Mewt tal-Qaddis. Il-kor kif jidher huwa dak kif inbena fl-1678, meta nbniet il-knisja f'għamla ta' Salib Latin. L-istatwi ta' San Pietru u San Pawl illum jinsabu fil-Parroċċa tal-Fontana.**



# IZ-ZEWG MISTIEDNA SPECJALI TAL-FESTA CENTINARJA



*5 ta' Ġunju 1984*

*Huwa bi pjaċir u bil-qalb li nilqa' l-istedina ġentili ta' l-Eċċellenza Reverendissima Mons Nikol Cauchi biex nipparteċipa fil-festi ċentinarji ta' San Ġorġ Martri.*

*Ikun għalija ta' ferħ kbir u ta' edifikazzjoni spiritwali li nara l-ħeġġa reliġjuża ta' din il-Komunità Nisranija ta' tradizzjoni antika.*

*Waqt li nibgħat tislijiet distinti u mill-qalb, nawgura minn issa lill-W. Reverendu Arċipriet sabiex dawn il-festi ċentenarji jiksbu s-suċċess mixtieq.*

***Opilio Kardinal ROSSI***
Curia Pontificia
Città del Vaticano
Roma

*16 ta' Ġunju 1984*

*Niżżi ħajr lill-Eċċellenza Reverendissima Mons Nikol Cauchi u nilqa' bil-qalb l-istedina biex nipparteċipa fil-festi ċentinarji f'ġieħ San Ġorġ Martri.*

*Bil-qalb ningħaqad ma' din il-Komunità Ekkleżjali biex nitlob lill-Mulej sabiex, bl-interċessjoni tal-Qaddis Patrun, l-għażiż poplu ta' Malta jikber dejjem aktar fil-għana tal-fidi nisranija.*

*Nieħu din l-okkażjoni biex insellem lill-Eċċellenza Reverendissima Mons. Cauchi u nesprimi Lilu l-għaqda fraterna tiegħi miegħu.*

***Corrado Kardinal URSI***
Arċisqof Metropolita ta' Napli,
Italja

Il-Kardinal Opilio Rossi se jiġi milqugħ fil-Bażilika nhar il-Ġimgħa 13 ta' Lulju fil4.45 p.m. L-ewwel funzjoni li se jmexxi se tkun Konċelebrazzjoni Pontifikali li tibda fil-5.00 p.m. Aktar tard filgħaxija l-Eminenza Tiegħu ser jippresiedi 'Akkademja Mużiko-Letterarja' flimkien ma' l-Eċċ. T. Mons. N. Cauchi, Isqof ta' Għawdex.

L-għada, is-Sibt il-Kardinal Rossi jkun il-mistieden tas-Soċ. Fil. La Stella għal riċeviment li se jingħata f'ġieħu. Wara nofs inhar imexxi t-Translazzjoni Pontifikali bir-relikwa Insinji ta' San Ġorġ.

Il-Ħadd, jum il-festa, jippresiedi l-Konċelebrazzjoni Pontifikali flimkien ma' Mons. Arċipriet Metropolita u Mons. Isqof Djoċesan. Fil-għaxija mbagħad imexxi, flimkien ma' l-Isqof Cauchi, il-Proċessjoni Pontifikali mat-toroq prinċipali tal-Belt Victoria.

L-E.T. il-Kardinal Corrado Ursi se jiġi milqugħ fil-Bażilika ta' San Ġorġ hekk kif tispiċċa l-priedka, nhar l-Erbgħa 11 ta' Lulju, l-Aħħar Jum tat-Tridu. Dak in-nhar imexxi l-funzjoni ta' fil-għaxija li tintemm bil-Barka Sagramentali. L-għada l-Ħamis, il-Kardinal Ursi jilqa' solennament ir-Relikwija Mirakoluża ta' San Ġorġ fi Triq ir-Repubblika, u akkumpanjat mill-Kapitlu, Kleru u l-poplu tal-Belt Victoria jġorrha trijonfalment sa Pjazza San Ġorġ fejn il-Banda Ċittadina La Stella tesegwixxi l-"Inno A San Giorgio Martire". Wara huwa jmexxi Konċelebrazzjoni Pontifikali fil-Bażilika, bħala radd il-ħajr lil Alla għall-ġieħ li bih Huwa żejjen lill-Knisja tiegħu fil-Qdusija tal-Megalomartri San Ġorġ.

Tard fil-għaxija mbagħad il-Kardinal Ursi jkun il-mistieden tas-Soċ.Fil. La Stella għal riċeviment li se jingħata f'ġieħu.

**Ritratt fuq il-qoxra ta' barra: Il-Kwadru Titulari tal-Knisja Bażilika ta' San Ġorġ li kien ġie mħallas mill-Gvernatur t'Għawdex, il-Kommendatur Don Francesco De Cordova. Il-Kwadru huwa kapulavur tal-Pittur Ċelebri, Mattia Preti.** Ritratt: FRANK MIZZI, Ħajr: HERITAGE

# IL-KULT TA' SAN ĠORG F'GĦAWDEX

*Miktub minn John Bezzina*

Kemm hu qadim il-kult ta' S. Ġorġ f'Għawdex?

Bla dubju ta' xejn dan il-kult beda f'Għawdex, ftit snin biss wara l-martirju ta' S. Ġorġ ta' Lydda. Ma jeżistux dokumenti miktuba dwar dan, imma l-ħjielijiet, it-trufijiet li għandna 'lkoll iwassluna għal-istess konklużżjoni, jiġifieri li l-kult lejh wasal hawn fi tmiem il-perijodu Ruman wil-bidu tal-perijodu Bizantin.

Bħal ma l-kult lejn il-Madonna ta' Lourdes, u dak lejn il-Madonna ta' Fatima f'inqas minn mitt sena xtered tista tgħid mad-dinja kollha, hekk ukoll il-kult lejn S. Ġorġ ta' Lydda xtered fi ftit snin, kemm fl-artijiet tal-Lvant kif ukoll f'dawk tal-Punent. Tant kiber il-kult lejh, tant xtered isem S. Ġorġ, tant ġew imsawwba fuqu għeġubijiet li kien wasal biex jisboq il-kult lejn Kristu. Fuq S. Ġorġ ġew imsawwba dawk is-setgħat kollha tal-profeti, tal-anġli u tal-allat. Madwar S. Ġorġ insibu is-setgħat ta' Mosè, ta' Elijah, ta' S. Mikiel, ta' Marduk, ta' Tammuż tal-Babilonja, ta' Aburamazda tal-Persja, ta' Horus, ta' Rà tal-Eġizzjani ta' El-Khidr (L-Aħdar) jew DĠHERGIS tal-Għarab, ta' Ġirġi Bakija, ta' Perseus, ta' Erkole u ta' allat oħra tax-Xemx.

U għax fil-ħajja ta' San Ġorġ ġew infilsati l-attributi ta' dawn l-allat kollha, il-kult tiegħu tant xtered kemm fil-lvant kif ukoll fil-Punent li 'nħasset il-ħtieġa li jiġu mrażżna 'l-ħajjiet ta' S. Ġorġ imżejjna b'dawn ix-xinxilli. La il-Papa Ġelasju wil-Konċilju kompost minn 72 isqof li ltaqa f'Ruma fis-sena 494 ħassew il-ħtieġa li jrażżnu dawn il-ħajjiet, dan huwa prova biżżejjed li l-kult lejn S. Ġorġ kien xtered sew mal-Punent kollu. Mhux l-għan tagħna li nimxu pass pass mat-tixrid tal-kult tal-Megalomartri lejn il-Punent meta nafu li Clotilde mart Clovis Sultan tal-Franki għal ħabta tas-sena 493 bniet il-Knisja ta' S. Ġorġ f'Chelles fi Franza. L-għan tagħna huwa wieħed:naraw meta daħal Malta u Għawdex.

**L-Eqdem Knisja f'Ġieħ S. Ġorġ f'Malta**

F'għar imħaffer fil-blat fis-sies tal-Fawwara insibu l-eqdem knisja ta' S. Ġorġ fil-gżejjer Maltin (illum ipprofonata u l-għar użat għal għanijiet oħra). Din il-knisja troglodita tmur lura għal perijodu ruman-biżantin(Hugh) Braun, Works of Art in Malta, O.H.M.S., 1946, p.27). Kittieb ieħor (Quentin Hughes, The Buildings of Malta, London 1956, pp.42, 43) jassumi li din il-knisja tmur lura għal perijodu Għarbi. Din il-knisja min-nies tas-Siġġiewi u dawk tal-Fawwara hija magħrufa bħala 'TA' ĠIRĠI', isem ifakkarna fl-isem Għarbi ta' S. Ġorġ, ĠIRĠI BAKIJA (Ġorġi li rxoxta) (Budge, E.A. George of Lydda, London 1930 p.44). Anke f'Għawdex huwa komuni ħafna li dawk li jisimhom 'ĠORĠ' jiġu msejjħa 'ĠIRĠI' jew 'ĠURĠI'. Dwar l-assunzjoni ta' Quentin Hughes, kumment wieħed, sa żmien il-Għarab kien inqata' l-użu li l-għerien jiġu dedikati jew mibdula fi knejjes, jekk mhux għax tiġri xi ħaġa mirakoluża fihom. Imma dawk li kienu jeżistu baqgħu.

**Niġu għal Għawdex:**

Snin ilu, ktibna artiklu dwar il-qedem tal-knisja ta' S. Ġorġ tar-Rabat Għawdex (Berqa 13-7-62) fejn konna urejna li r-R it Gallikan li kien jintuża fil-knisja ta' S. Ġorġ jixhed il-qedem tal-knisja, billi din il-Liturġija antikissima damet tintuża sa tmiem is-seklu tmienja f'inħawi oħra tal-Ewropa. L-għadd ta' nsara f'Għawdex fis-sena 992 W.K. kien ta' 2,733, li kienu jgħixu il-barra mill-belt imċekkna mill-Għarab.

Hawn wieħed ma jridx jinsa jsemmi li sewwa sew fejn hija l-knisja ta' S. Ġorġ kienet instabet l-iskrizzjoni latina 'Melitensis XXV' li saret fi Żmien l-Imperatur Costantinu bejn is-sena 313-317 W.K. sewwa sew ftit snin wara l-Paċi tal-knisja, sewwa sew fi żmien li l-isqof 'Caecilian' ta' Kartaġni kiseb rebħiet kbar fuq id-Donatisti, skrizzjoni imwaqqfa f'ġieħ l-istess Constantinu mill-poplu Għawdxi (San Ġorġ Vol.III Nru. 12 Dic. 1974 p.6)

**Aktar Ħjielijiet**

F'mappa t'Għawdex riprodotta fil-ktieb 'Operazione C.3' stampat f'Ruma fl-1965 mill-Ufficio Storico della Marina Militare, mappa li titratta ta' kif u f'liema inħawi kellu jillanda l-għadu fl-invażżjoni t'Għawdex (Operazione Cipro) fl-1942, qrib l-inħawi ta' Ras il-Wardija, insibu immarkati 'Kasam Ben Jorj' u 'Ġebel Ben Jorj'. Barra minn dan l-qasam ta' ħdejn il-Loġoġ ta' Pinu huwa immarkat bħala 'Ta' San Ġorġ'.

Il-Qasam ta' S. Ġorġ (Qasam ta' Federico II) isemmih ukoll Agius De Soldanis filwaqt li G.F. Abela (Della Descritione di Malta 1647 Lib. L not.X) isemmi il-'Ġebel ta' Ben Ġorġ' imma ma jsemmix il-Qasam ta' Ben Ġorġ qrib l-għadira ta' S. Raflu, qrib Ras il-Wardija; Qrib id-Dwejra niltaqgħu ukoll mal-Ġebla tal-Artal.

Dan kollu qed insensluh l-għaliex qrib hawn instab ukoll tempju-Santwarju li jmur lura għal-perijodu Puniku li x'aktax oriġinarjament kien dedikat lil alla Xemx. Aħna diġa rajna kif f'S. Ġorġ ġew attribwiti is-setgħat ta' Ra' u allat oħra tax-Xemx, bħal ma kien Melqart.

Dan it-tempju troglodit ta' bejn is-seklu III q.K.-wis-seklu I W.K. ġie skavat bejn l-1965-68 fl-inħawi tal-Qasam ta' 'Ben Jorj' fl-inħawi ta' Ġebel Ben Jorj', fl-inħawi tal-Wardija (fejn fl-imgħoddi kienet tinżamm l-għassa u S. Ġorġ kien patrun tad-dejma Maltija (Ara S. Ġorġ dejjem Ħarisna, 1971 - Ħajja 19-7-1979 - 23-7-1971). Fir-Rapport tal-1967 p.104 ta' din il-Missione Archeologica Italiano, jidher li dan it-tempju kien dedikat lil dak l-alla li fih il-griegi kienu jilmhu x-xbieha ta' Erkole, dak l-alla li jiġi imxebbaħ ma Melqart. Dan it-tempju pagan hu emmnut li ġie konvertit fi knisja nisranija (Missione Archeologica . . . Campagna degli sc vi 1956-68 en passim). Infatti instabu għaliem u graffiti ta' slaleb u tat-TAU tal-Eġizzjani. Issa dan it-tempju pagan lil min ġie dedikat fost il-Qaddisin insara? Aħna tal-fehma li dan ġie dedikat lil S. Ġorġ u dan għal dawn ir-raġunijiet: Fuq il-Wardijiet kollha ta' Malta u fid-daħliet kollha ta' Malta iltqana ma knejjes f'ġieħ S. Ġorġ, u dan it-tempju instab sewwa sew f'Ras il-Wardija. Barra minn dan kif rajna l-inħawi qrib huma magħrufa bħala il-Qasam ta' Ben Jorj u Ġebel Ben Jorj. Hawn ta' min ifakkar li l-kelma 'BEN' fis-singular tfisser 'iben' imma meta applikata għal xi contrada tfisser tribù, tfisser familja, il-'ġens' tar-rumani (Preca A. Malta Cananea,

jkompli paġna 13

# ŻAGĦŻUGĦ IKELLEM LIŻ-ŻGĦAŻAGĦ



Għext qablek, ferm qablek,
għaddew sbatax il-mitt sena minn jum twelidi.
U forsi taħseb li jien ma għandi xejn x'ngħidlek.

Jekk demm żagħżugħ hemm jiġri u jbaqbaq fil-vini tiegħek
demm żagħżugħ iehor kelli jien ġo fija,
demm żagħżugħ, ħamrani,
demm b'saħħtu, li jien ma rajtx bi tqila nxerrdu
biex dini nistqarr quddiem kulħadd.
Int, li għadek fl-isbaħ snin ta' ħajtek,
x'qed tagħmel biex il-fidi tiegħek tistqarrha fil-beraħ,
bla biża', bla lġiem?
Ma nagħmlux mod, li int bħal dawk
li jpaċpċu ħafna fil-folla, imbagħad,
meta jintagħżlu weħdihom,
itemtmu u jitilfu kull heġġa, u ħajja?

Is-snin taż-żogħżija għożżejthom,
is-snin ta' imħabba, ta' ilwien, ta' ferħ. . .
Biss qgħadt attent li ruħi nżommha bla mittiefsa,
avolja it-tajn u l-ħama ma naqsux madwari.
Jien fhimt li l-hena u l-ferħ li stajt nakkwista mid-dinja
għomorhom ikun qasir, filwaqt li ħassejtni ċert
li ċahda waħda magħmula għal Kristu,
tissarraf f'djamant ta' prezz infinit.

L-unuri infirxu quddiemi,
il-wegħdi tal-Ħakem kienu jbellħu l-kulħadd,
il-ħakma u s-setgħa ssakkar u ġennen lil moħħ tal-bnedmin.
Iżda il-kelmiet ta' l-Imgħallem,
"imbierek min jobdi, min jaħfer, min jaqdi,"
ġegħluni nħares lejn wieħed,
li biex rebaħ issallab,
biex jagħti l-ħajja, ħa l-mewt
u kien il-qaddej tal-qaddejja.

U int, li tgħid li għandek demm Ġorġjan fil-vini tiegħek,
qed forsi isserraħ moħħok mill-ħmura ta' demmek,
u tinsa il-kulur abjad li suppost għandha ruħek?
Qatt waqaft taħseb ftit, għaliex tebbajtha daqshekk
dik ruħek li Hu ħasilhielek bid-Demm tiegħU stess?
Forsi ħallejt is-seħer taż-żina jitliflek il-bjuda?
Forsi ppruvajt il-benna tad-droga u s-sess?
Forsi biddilta ma' żgħażagħ oħrajn,
jew forsi bl-iskuża tal-kelma 'imħabba'
tħammiġt u ħammiġt, u l-paċi int tlift jew tellift?

Ismagħni x'ser ngħidlek:
avolja gerbu minn fuqi sbatax il-mitt sena,
l-istess għadu ħajjen li lili pprova jwaqqgħani
hu l-istess wieħed li jpespislek f'widnejk,
itambar ġo moħħok, u jgħawwarlek ġo qalbek,
biex dak li ma għamilx miegħi, jirnexxilu jwettqu miegħek,
u jirbħek. . .
Jiena, Ġorġi Aniċi, nitolbok,
tħallihx. . .

# Il-Miġja fostna minn Ruma tar-Relikwija ta' San Ġorġ

Rev. JOSEPH FARRUGIA



Translazzjoni ta' Ras il-Martri San Gorg mill-Patrijarkat Lateranensi ghad-Djakonija tal-Velabro mill-Papa San Zakkarija.

**Għaddew mijiet ta' snin u l-ewwel persekuzzjonijiet li ħakmu l-Knisja ta' Kristu għadhom min-naħa l-waħda jdallmu l-istorja tad-dinja u jnisslu fil-bnedmin sentimenti ta' tkexkix u ta' protesta umana u, min-naħa l-oħra, idawlu l-istorja tal-Knisja u jnisslu fil-qlub ta' l-insara sentimenti ta' kburija nisranija u tama tas-Sema.**

Meta l-persekuzzjonijiet il-kbar intemmu fis-seklu IV,[1] l-insara setgħu jibdew jiċċelebraw aktar fid-dieher l-eroj tagħhom li flimkien ma' Kristu kienu jiffurmaw l-istorja glorjuża tal-Knisja apostolika.[2] Kienu jinġabru ta' spiss fuq l-oqbra ta' dawn ix-xhieda[3] ta' Kristu. Bdew itellgħu monumenti u jibnu knejjes. Kienu jgħożżu l-"memoriae sanguinis", il-fdalijiet ta' dawn il-qaddisin, ir-relikwi tagħhom biex iħossu aktar mill-qrib il-preżenza interċedetriċi ta' dawn il-ħbieb ta' Alla.[4]

Dalwaqt nilqgħu fuq ix-xtut tal-gżira tagħna l-"memoria sanguinis" tal-Megalomartri San Ġorġ li, għal aktar minn elf u mitejn sena, ilha mħarsa u meqjuma fil-belt ta' Ruma. Id-dehra fostna ta' din ir-Relikwa Mirakoluża timmarka pass ieħor fil-pellegrinaġġ li ilha tagħmel fid-dinja nisranija tal-Orjent u ta' l-Oċċident sa minn meta r-Ras Għażiża ta' dan ix-Xhud eċċezzjonali ta' Kristu tgerrbet ma' l-art fil-belt tan-Nikomedija fis-sena 303 W.K.

Wara l-martirju tiegħu fl-epoka dijoklezjana taħt l-imperatur Dacjanu tal-Orjent, il-ġisem qaddis taż-żagħżugħ martri tal-Kappadoċja ġie midfun fid-Dijospoli, ġol-belt ta' Lidda. Ftit snin biss wara l-mewt tiegħu għal Kristu, fuq il-qabar taż-żagħżugħ qaddis ġie mibni santwarju[5] li f'qasir żmien sar ċentru ta' pellegrinaġġi għall-insara tal-Palestina u tal-inħawi kollha tal-Asja Minuri.[6] Fis-sena 368, jiġifieri 65 sena biss mill-martirju ta' San Ġorġ, kienet ġa teżisti epigrafi griega li kienet tindika "id-dar tal-qaddisin u tal-martri rebbieħa Ġorġ u sħabu".[7] F'dan l-imkien tal-kult nisrani, kif xehed id-djaknu Teodoru Perigeta fis-sena 530, kien jinsab il-ġisem tal-martri S. Ġorġ u hemmhekk "kienu jsiru ħafna ħwejjeġ tal-għaġeb".[8]

It-theddida persjana għall-imkejjen insara tal-Palestina u l-għożża u l-qima li biħom kien miżmum San Ġorġ fil-qalb tal-Knisja orjentali kienu ċertament l-ewwel fost ir-raġunijiet li wasslu sabiex il-fdalijiet qaddisa tal-Megalomartri ta' Lidda fil-bidu tas-seklu VII, jiġifieri madwar 300 sena wara l-martirju, jinqalgħu mis-santwarju tad-Dijospoli u jitferrxu mad-dinja nisranija kollha.

Minn Lidda, l-"iter" tar-relikwi ta' San Ġorġ tinfired f'żewġ direzzjonijiet, waħda orjentali, diretta lejn Kostantinapoli, iċ-ċentru tas-setgħa imperajali, u l-oħra oċċidentali diretta lejn Ruma, iċ-ċentru ndiskuss tar-Reliġjon nisranija. Kien jixraq illi l-belt ta' Ruma jkollha l-ġieħ li tkun tista' tgħodd fost ir-relikwi nsinji li ġa kellha fil-bażiliċi tagħha, ir-Relikwa Mirakoluża tal-Megalomartri li ismu kien imsejjaħ u meqjum fid-dinja nisranija kollha. Kien jixraq illi Ruma, l-ewwel fost il-Knejjes tal-Appostli, imissha l-ġieħ li tilqa' r-ras qaddisa ta' dan ix-xhud kbir ta' Kristu biex tqimu u tagħtih il-ġieħ li kien jistħoqqlu.

Għal snin twal ir-Relikwa Mirakoluża ta' San Ġorġ inżammet għall-qima tal-insara fil-Bażilika Patrijarkali tal-Lateran sakemm, fis-sena 949, il-Papa Żakkarija I (741-752) qatagħha li jittrasporta din ir-Relikwa mill-Bażilika Lateranensi u jqegħidha fil-Bażilika Ġorġjana "ad Velum aureum"[9]. Il-"Liber pontificalis" tal-Knisja ta' Ruma jgħarrafna dwar din il-ġrajja.[10] Il-Biblijotekarju Anastasju, bijografu tal-Papa Żakkarija, ifissrilna kif il-Papa nnifsu ġarr solennement ir-Relikwa qaddisa ta' Ras il-Martri ta' Lidda mill-Lateran għad-Djakonija "ad Velum aureum" qalb il-ferħ tal-kleru u l-poplu ta' Ruma.[11]

Minn din il-ġrajja solenni għaddew 'il fuq minn elf u mitejn sena. Għal dawn is-snin kollha r-Relikwa Mirakoluża ta' San Ġorġ ġiet imħarsa u mgħożżaa fil-"confessio" tal-Bażilika rumana fejn sallum tinsab meqjuma "taħt l-altar sabieħ imżejjen b'mużajċi kosmateski u mgħotti b'ċiborju eleganti tas-seklu XII".[12]

Illum, 1781 sena mill-martirju ta' San Ġorġ, madwar 1300 sena mill-wasla tar-Relikwa nsinji tal-Megalomartri f'Ruma u eżattament 1235 sena mit-trasferiment tagħha fil-Bażilika Ġorġjana "ad Velum aureum", aħna ser ikollna l-ġieħ li nilqgħu fostna, għal ftit jiem, lil din l-istess Relikwa Mirakoluża. Qed nilqgħuha waqt li qed niċċelebraw l-1700 sena mit-Twelid tal-Qaddis Patrun tagħna.

**Tassew li San Ġorġ ilu preżenti fostna sa miż-żmenijiet imbiegħda tal-wasla ta' Ismu fil-gżejjer tagħna. Ilu fostna, u din il-preżenza tiegħu daħlet fil-qalb tagħna u ssoktat dejjem tikber u tissaħħah. Ħa tkun il-miġja solenni tar-Relikwa Mirakoluża tiegħu fostna miġja ġdida ta' San Ġorġ fil-qalb tagħna. Ħa tkun din il-miġja fostna stqarrija ta' fidi f'Alla tagħna, stqarrija ta' lealtà lejn il-Knisja tagħna u stqarrija ta' mħabba lejn il-Patrun għażiż tagħna.**

Jissokta f'paġna 7

Editorjal

# SBATAX IL-MITT SENA, . . . U GĦADU ĦAJ

**Festa**

Lulju reġa' magħna! U ma' Lulju l-festa kbira tagħna. Dejjem hekk għidna, u dejjem kellna raġun. Biss din is-sena, iktar. Festa kbira għal qaddis kbir.

Sbatax il-mitt sena mhux ċajta. Sbatax il-mitt sena għandhom saħħa jtemmu l-bronż u l-irħam tal-isbaħ mafkar li qat seta' ġie mibni. Iżda fl-istess ħin kienu sbatax il-mitt sena li bil-minġel qerriedi tagħhom ma rnexxilhomx jħassru u jtemmu l-isem u l-kobor ta' Ġorġi tagħna.

U kollna kburin sejrin nagħmlulu festa. Hekk jixraq. Hekk sewwa. It-twelid ta' din l-**istilla** tal-Kappadoċja jixraqlu li jiġi mfakkar, mhux biss ġo Ruma, fejn saru ċelebrazzjonijiet kbar, jew f'postijiet oħra fl-Ewropa, iżda anke ġol-gżira ċkejkna tat-tliet għolijiet.

**Mistiedna Speċjali**

U din il-festa ma aħniex ser niċċelebrawha weħidna, il-poplu kollu Għawdxi. Iżda magħna ser jissieħbu diversi mistednin li l-prezenza tagħhom fostna tkompli tgħolli l-festa mħejjija.

**Mons. Dante Balboni,** bniedem studjuż mill-aqwa li għadda ħajtu jistudja dwar San Ġorġ, ser jiġi fostna u jkellimna dwar il-qaddis tagħna.

**Il-Kardinal Corrado Ursi** u **l-Kardinal Opilio Rossi** ser jiġu fostna: żewġ prinċpijiet tal-Knisja, dik il-Knisja li għaliha San Ġorġ ċarċar demmu, l-istess Knisja li aħna lkoll kburin li niffurmaw parti minnha. **Flimkien magħhom ser jieħdu sehem l-Isqfijiet ta' dawn il-gżejjer u bosta dinjitarji.**

Ir-relikwija mirakoluża tar-Ras ta' San Ġorġ, meqjuma ġewwa l-Bażilika tiegħu ġol-Velabro ġewwa Ruma, ser tinġieb f'Għawdex biex l-Għawdxin u l-Maltin kollha jkunu jistgħu jivvenerawha.

**Stedina**

Għalhekk irridu ninqdew b'din ir-Rivista sabiex bħala leħen il-BELT VICTORIA nistiednu lilkom ilkoll sabiex niċċelebraw flimkien dawn il-festi ċentenarji b'sinjal ta' mħabba u qima lejn il-Martri tal-Kappadoċja, li mal-medda taż-żmenijiet firex il-patroċinju tiegħu fuq il-Gżira maħbuba tagħna.

Is-sehem attiv fl-attivitajiet kollha li ser isiru kif ukoll il-Qrara u t-Tqarbina li noffrulu ma jkunux ifissru ħaġ'oħra għajr GRAZZI ħerqan minn Għawdex lill-Patrun tiegħu.

### *RIFERENZI*

jaqbad minn paġna 6

[1] Cf. J. LORTZ, **Storia della Chiesa,** I, Alba 1976, pp. 108-113.

[2] Cf. J.A. JUNGMANN, **The Early Liturgy,** Notre Dame 1977, pp. 175-187.

[3] Il-"Martyr", fis-sens strett, huwa dak in-nisrani li jagħti ħajtu **b'xhieda** għal Ġesù Kristu.

[4] It-teoloġija tal-kult tal-martri tesprimi l-għaqda sħiħa fir-rebħa ma' Kristu ta' dawk l-insara li permezz tal-martirju ngħaqdu ma' Kristu fil-passjoni tiegħu biex isseħħ ir-rieda ta' Alla fuq l-art. Min imut ma' Kristu jaqsam mis-setgħa glorjuża tiegħu fis-Sema.

[5] Dan is-santwarju ddedikat lil San Ġorġ ma kienx uniku fil-Palestina. Nafu b'ċertezza li fis-seklu IV, jiġifieri fl-istess seklu tal-mewt tiegħu, kien hemm knejjes iddedikati lil San Ġorġ f'Gerusalem (cf. BALBONI, in **Bibl. Sanc.,** p.517), f'Geriko (Cf **Révue biblique** 8 (1911) 286-289) u f'ibliet oħrajn.

[6] Cf. ID., "Tradizione e storicità di S. Giorgio", in **L'Osservatore Romano,** 23 aprile 1983, p.5; R.T. JOHN, **San Giorgio al Velabro,** Ruma 1980, p.18

[7] Cf. D. BALBONI, "Giorgio, santo, martire", in **Biobliotheca Sanctorum,** VI, Roma 1965, p.522; I.D., **San Giorgio martire,** Roma 1966, 18.

[8] "In Diospolim, ubi sanctus Georgius martyrizatus est, ibi et corpus eius est et multa mirobilia fiunt." Teodosio Perigeta, **De situ terrae sanctae,** in CSEL, XXXIX, Vienna 1898. p.139.

[9] Illum "al Velabro". Għat-tifsira ta' dan l-isem cf. R.T.JOHN **Op.cit.,** p.5; A. GIANNETTINI-C.VENANZI, **S.Giorgio al Velabro,** Roma 1967, p.7s.

[10] **Ibid.,** p. 18; BALBONI, in **L'Oss. Rom.,** p.5

[11] "Hujus denique temporibus (Zachariae) magnum thesaurum Dominus Deus noster in hac Romana Urbe per eumdem Almificum Pontificem propalare dignatus est. In venerabili itaque Patriarchio sacratissimum beati Georgil Martyris isdem sanctissimus papa in capsa reconditum reperit caput, in quo et pictacium inventi pariter literis exaratum graecis, ipsum esse significantes. Qui sanctissimus papa omnino hilaris, satisfactus, illico aggregato Romanae urbis populo cum hymnis, canticis spiritualibus in venerabili Diaconia ejus nominis, sita in hac Romana civitate regione secunda, ad Velum aureum, illud deduci fecit."
"Il racconto di questo episodio si trova nella biografia di Zaccaria che è il primo passo del **Liber Pontificalis** che cita la chiesa di S. Giorgio col nome di diaconia" GIANNETTINI-VENANZI **op.cit.,** p.18. Cf. ukoll S. BORELLI, **Il Megalomartire S. Giorgio,** Napoli 1902, pp.267-269.

[12] L.FRAPISELLI, "Una della chiesa più suggestive di Roma: San Giorgio al Velabro", in **L'Osservatore Romano,** 18/19 aprile 1983.

## Bolli Kommemorattivi

L-Amministrazzjoni Postali tal-Vatikan awtorizzat l-ħruġ ta' sett ta' bolli li jikkommemoraw is-Sbatax il-Ċentinarju mit-Twelid ta' San Ġorġ Martri. Is-sett tal-bolli, li mistenni joħroġ aktar tard din is-sena, se jkun jiġbor fih erba' bolli li fihom tispikka l-figura popolari ta' San Ġorġ, bħala l-kavallier gwerrier fuq iż-żiemel abjad, jissielet kontra l-qilla tad-dragun.

L-erba' bolli ġew disinjati mill-artista Taljan Memo Da Modica, artista sensibbli ħafna għat-tematika konnessa mall-Qaddis Martri.





*"U nghidilkom li kull min jistqarr quddiem il-bniedem li huwa miegħi, bin il-bniedem ukoll jistqarr li huwa miegħu quddiem l-Anġli ta' Alla" (Lq.12,8)*

***San Ġorġ ma jisthix jistqarr li hu ta' Kristu. U dan jurih fil-berah, billi bla ebda biża' jċarrat id-digriet li Deokleżjanu ħareġ kontra l-Insara.***

*"Għax il-Mulej huwa l-ispirtu, u fejn hemm l-ispirtu tal-Mulej, hemm il-Helsien". (2 Kor.3,17)*

***San Ġorġ fehem li n-nisrani ghandu jkun mimli bl-ispirtu tal-Mulej. Minhabba f'hekk hu jaghti l-helsien lill-ilsiera kollha tal-familja Anici.***





*"Min se jifridna mill-Imħabba ta' Kristu? It-taħbit, id-dwejjaq, il-persekuzzjoni, il-ġuħ, il-għera, it-tiġrib, ix-xabla? Bħalma hu miktub: "Minħabba fik il-jum kollu jikkundannawna għall-mewt, ighodduna bħal ngħaġ għall-qatla." Imma f'dan kollu aħna aktar minn rebbieħa bis-saħħa ta' Dak li ħabbna. (Rom. 8, 35-37)*

***Għalkemm imsawwat minn manigoldi bla qalb, San Ġorġ jiftakar f'Ġesù, li kien ġie msawwat fil-Pretorju. U dan il-ħsieb isaħħaħ l-imħabba ta' Ġorġi għal Kristu***

*"Bħad-deheb minn nar hu għaddihom, u b'hekk hu ippruvahom, u bħala vittmi tas-sagrifiċċju hu laqgħahom." (Għerf: 1.6)*

***Deokleżjanu jħarrax il-mibgħeda tiegħu lejn San Ġorġ, u jordna li jiġi mitfugħ f'kalkara tal-Ġir: iżda hemm San Ġorġ jiġrilu bħad-deheb: joħroġ isbaħ minn qabel.***





*"Tibżax minn dak li se jkollok issofri; ara, id-demonju se jixħet 'il xi wħud minnkom fil-ħabs biex iġarrabkom u intom tgħaddu minn għaxart ijiem ta' taħbit. Ibqa' fidil sal-mewt u jien nagħtik il-Kuruna tal-Ħajja". (Apok. 2,10)*

***San Ġorġ ma jaqtax qalbu waqt il-martirju u fil-waqt li ġismu ittertaq mis-skieken tar-rota, lemaħ l-anġlu tal-Mulej iwennsu u jinkoraġġih.***



*Jien għadni persważ li t-tbatijiet ta' issa ma għandhom xejn x'jaqsmu mal-glorja li għad trid tidher fina. (Rum. 8,18)*
*Imbagħad, meta jidher ir-Ragħaj il-Kbir, tiksbu l-Kuruna tal-Glorja minsuġa minn ward li ma jidbielx. (1 Pt. 5,4)*

***San Ġorġ miet, iżda bi premju Alla mar jagħtih il-Palma tar-Rebħa u jqiegħed taħt il-protezzjoni tiegħu numru bla għadd ta' bnedmin li lkoll jinsġulu kuruna ta' Glorja.***

# San Ġorġ Megalomartri *bħala* Patrun u Protettur

*mill-Kan. Dun Nikol Vella Apap*

Mgr. Dante Balboni kiteb: "Forsi l-ebda Qaddis ma kiseb qima popolari daqs San Ġorġ, u xhieda ta' hekk huwa n-numru ta' knejjes meqjuma f'ismu"[1].

San Ġorġ kiseb qima ġiganteska mhux biss fil-bini ta' knejjes - Bażiliċi, Katidrali, Monasteri, Kolleġġjati u Parroċċi - imma wkoll fl-Ikonografija, fil-Liturġija, fil-letteratura u fil-Folklore. Barra minn dan bosta artijiet, bliet u rħula għażluh bħala l-Patrun u Protettur tagħhom. Ġewwa Lydda (Diaspolis) fil-Palestina kien meqjum il-qabar ta' San Ġorġ kif jidher minn Teodosio Perigeta [2]. Matul is-sekli nbnew ħafna santwarji f'isem San Ġorġ u ħafna nazzjonijiet u popli għażlu lil San Ġorġ bħala l-patrun tagħhom. Hekk madwar is-sitt seklu hemm monasteri u santwarji f'Gerusalemm, Geriko, Traconite, Bejrut, Ruma, Ravenna, Milan, Napli u anke f'Franza. San Ġorġ ġie magħżul Patrun tal-Bliet ta' Genova, Venezja, Barcellona u wara tal-Kroċjati, tal-Kummerċjanti tal-Kavallieri ta' Aragona u iktar il-quddiem taż-żgħażagħ Esploraturi.

Ħafna nazzjonijiet għażlu fuq kollox lil San Ġorġ bħala patrun tagħhom. Il-Portugall, Aragona, Catalonia, Litwania, Georgia fir-Russja u speċjalment l-Ingilterra[3]. Fil-Konċilju nazzjonali li sar f'Oxford taħt Enriku III fl-1222 ġie ordnat li l-jum tal-festa ta' San Ġorġ i!-un imħares bħala festa ta' preċett.[4]

Fost il-Qaddisin prinċipali protetturi tal-Knisja Kattolika, l-ewwel huwa San Ġorġ. Huma mniżżlin hekk: San Ġorġ, San Bastjan, San Maurizju[5].

Fl-Assedju ta' Antijokja fl-1098, San Ġorġ kien ġie magħżul Protettur tal-Armati Franċiżi u Ingliżi. Taħt Rikardu Cuor de Leone, San Ġorġ kien msejjaħ b'tama fit-taqbidiet kollha[6].

San Ġorġ huwa wkoll il-Patrun ta' li Scouts u tal-Kavallerija Taljana[7].

L-Għaqda tal-Kavallieri ta' l-Italja qalgħet minn għand il-Papa Piju XI fl-11 ta' Awissu 1937, li San Ġorġ ikun il-Patrun tagħhom[8].

Fl-Ittra Appostolika tat-23 ta' April 1956, il-Papa Piju XII għamel bħala Patrun tal-Kavallierija Taljana lil San Ġorġ[9]. Konna niġbdu iktar fit-tul dwar il-Patroċinju u l-Protezzjoni ta' San Ġorġ - il-Qaddis Popolari li kiseb qima u ġieħ fid-dinja kollha. Imma minħabba nuqqas ta' spazju jkollna nieqfu hawn.

Nispiċċa din il-kitba billi nfakkar ukoll li sa qabel is-sena 1678, San Ġorġ tagħna diġa' kien l-"Invictissimo Patrono" tal-Poplu Għawdxi li fl-imgħoddi sal-lum qiem, ħabb u talab.

**Riferenzi**

1 *Bibliotheca sanctorum. Vol. VI Pagna 517.*
2 *L-istess paġna 512*
3 Richard J. John O.S.C. San Giorgio Al Velabrio paġna 18,19.
4 *P. Giorgio Dan Riano O.F.M. Cap. San Giorgio Grande Martire Della Chiesa di Gesu Cristo pagna 63.*
5 *L-istess f'pagna 62.*
6 L-istess f'paġna 63.
7 L-istess f'paġna 65.
8 *L-istess f'paġna 67.*
9 *A.A.S. Vol. 48 paġna 752.*

## *Kumitat Organizzattiv tal-Festi Ċentinarji 1984*

| | |
|---|---|
| **Mons. Arċ. Emmanuel Mercieca** | Chairman |
| **George Said** | Segretarju |
| **Fr. Louis Bezzina** | Prokuratur |
| **Dolindu Cassar** | Rappreżentanti |
| **Joseph Cini** | tal-Banda La Stella |
| **Kan Saviour Borg** | Membri |
| **Fr. Joseph Farrugia** | |
| **Fr George Frendo** | **Mary Galea** |
| **Kan. Joseph Mejlak** | **George Grech** |
| **Fr. Felix Tabone** | **Frank Mizzi** |
| **Joe M. Attard** | **Paul Pisani** |
| **Antoinette Azzopardi** | **Anton Said** |
| **John Bezzina** | **Carmel Tabone** |
| **George Borg** | **Georgina Xerri** |
| **Mario Formosa** | **Anthony Zammit** |

## Irċivew is-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof

***44 tifel u tifla mill-Parroċċa tagħna nhar il-Ħamis 7 ta' Ġunju rċivew is-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof minn idejn Mons. Isqof Nikol Cauchi. It-tfal li ħadu dan is-sagrament kienu dawn:***



**Attard Josephine, Bezzina Maria, Buttigieg Marlene, Camilleri Jennifer, Camilleri Nadine, Camilleri Tanya, Caruana Doreen, Cassar Grace, Curmi Anne Blanche, Cutajar Miriam, Ellis Loranne, Farrugia M'Anne, Galea M'Anne, Grech Maria, Mercieca Claudia, Mejlak Joanne, Portelli Jahel, Said Catherine, Scicluna Georgina, Vella Frances, Vassallo Maria, Xerri Margaret, Zammit Monica.**



**Attard David, Azzopardi George M., Buttigieg Mark Anton, Borg David, Camilleri Austin, Camilleri George, Cassar Daniel, Cassar George, Cini George, Debono Aldo, Farrugia Mario, Gatt Andrew, Gatt Anthony Grech Michael, Grima Saviour, Micallef Simon, Refalo Joseph, Said Ruben, Vassallo George, Vella Godwin, Vella Michael.**

# FESTI F'ĠIEH SAN ĠORĠ FIL-VELABRO

*Qegħdin nippublikaw tagħrif dwar il-Programm taċ-Ċelebrazzjonijiet tas-17 il-Ċentinarju mit-Twelid ta' San Ġorġ li saru fil-Bażilika tal-Velabro, Ruma. F'dan il-Programm kien hemm ukoll din l-introduzzjoni dwar San Ġorġ*

# SAN ĠORĠ MARTRI

Manifestazzjonijiet Reliġjużi u Kulturali fis-17 il-Ċentinarju mit-Twelid bl-approvazzjoni tal-President tar-Repubblika, Onor Sandro Pertini.
Ruma, 6 - 30 ta' Mejju 1984

Iċ-ċelebrazzjonijiet tas-17 il-Ċentinarju mit-Twelid ta' Ġorġi ta' Kappadoċja huma omaġġ li għandu jingħata lil Qaddis li l-martirju tiegħu kien matul dawn is-Sekli kollha wieħed mill-elementi l-aktar straordinarji ta' xhieda u ta' fidi fost il-popli diversi. Mill-Lvant għall-Punent, mill-Afrika għat-tarf tat-Tramuntana ta' l-Ewropa, il-qima lejn San Ġorġ kienet mhux biss unanima, iżda tant qawwija li poġġiet din il-figura fost l-aktar emblematiċi tal-Kristjaneżmu. Storikament, l-esistenza u l-Martirju ta' S. Ġorġ, llum huma pprovati biżżejjed u jekk id-devozzjoni popolari dawret il-figura tiegħu b'episodji leġġendarji, il-validità u l-attwalità tal-messaġġ tiegħu, irriżultaw aktar sħaħ u għonja.

Għal kull bniedem li ħajtu u mewtu jingħataw lill-ahwa bħala eżempju ta' xhieda erojka tal-Fidi, jinġabru ta' spiss fatti u ġrajjiet li fihom ir-realtà storika u l-fantasija ta' dawk li jemmnu jistgħu iħawdu limiti u oġġettività. Iżda dan mhux ħlief isaħħaħ il-validità ta' xhieda u l-utilità ta' eżempju.

Dan ġara wkoll għal San Ġorġ, li fuq kollox, kien l-ispirazzjoni f'kull żmien ta' produzzjoni artistika tassew wiesa. Il-kavallier erojku, is-suldat lest għas-sagrifiċċju f'difiża ta' min hu mgħaffeġ u ippersegwitat, in-Nisrani li jasal sal-għola offerta biex jiddefendi twemminu, iż-żagħżugħ li kollox jidħaqlu u li jiċħad għal kollox biex ma jonqosx għall-ideal tiegħu, huma l-motivi li jispiraw ikonografija bil-wisq għanja li tara mpenjati artisti ta' livell mill-aktar magħruf bħal Pisanello, Carpaccio, Cosmè Tura, Rafaello, Veronese u Rubens biex insemmu biss l-ewlenin. Għalhekk mhux biss kien mixtieq infakkru l-opri ta' artisti kbar 'fi żmien' imma kien mixtieq nirritornaw fl-attwalità għall-impenn preċiż. Fil-fatt, pitturi u skulturi magħrufa ġew mitluba jesegwixxu fl-ambitu ta' l-ispirazzjoni tagħhom u filwaqt li jużaw l-istili ta' espressjoni tagħhom, opri fuq is-suġġett ta' San Ġorġ Martri. Dawn ġew espressament esegwiti għal din il-Wirja li nawguraw li tikkontribwixxi għat-tixrid tal-motiv reliġjuż fis-suġġetti ta' artisti li m 'humiex sistematikament impenjati fil-priduzzjoni ta' opri b'suġġett sagru.

F.F.A.




## *Programm*

*Iċ-ċelebrazzjonijiet fethu l-Hadd 6 ta' Mejju 1984 b'Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija mill-E.T. il-Kardinal Pietro Palazzini, prefett tal-Kongregazzjoni tal-Kawża tal-Qaddisin.*

*Bejn l-Erbgħa 9 ta' Mejju u l-Ġimgħa 25 ta' Mejju, saru dawn l-attivitajiet:*

- Konferenza Ċelebrattiva fil-Velabro dwar it-13-il Ċentinarju tal-Fundazzjoni. Diskorsi mill-Kardinal Palazzini (Il-Validità tal-Kult tal-Qaddisin) u minn Mons. Dante Baboni (San Ġorġ fil-Velabro - problemi storiċi, artistiċi u agiografiċi).
- Wirja f'Palazz Barberini: "L-Ikonografija ta' San Ġorġ fiż-żmien u fl-attwalità".
- ***'Talba Ekumenika ippreseduta mill-E.T. Il-Kardinal Sebastiano Baggio, President tal-Kummissjoni Pontifiċja għall-Istat tal-Vatikan.***
- Konferenza għall-Paċi. Kelliema prinċipali: L-Onor. Giulio Andreotti (San Ġorġ - Pont ta' paċi bejn il-lvant u l-Punent); Ing. Fiorello F. Ardizzon (Il-Mużika -Element ta' Rikonċiljazzjoni u Paċi).
- Kunċert Freskobaldjan mill-Membri tal-Ordnijiet Kavallereski taħt il-Patroċinju ta' San Ġorġ, immexxija mill-E.T. il-Kardinal Silvio Oddi, Prefett tal-kongregazjoni tal-Kleru. Tislima lill-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II ma' l-Artisti.
- Konferenza mill-Prof. Gennaro Savarese (San Ġorġ fil-Poemi Kavallereski).
- Kunċert tal-Filarmoniċista Salvatore di Ġeswaldo: "J.S. Bach, L'Arte Della Fuga".

*Il-Festi f'Ruma ġew fit-tmiem tagħhom b'Konċelebrazzjoni bir-rit Ukrain immexxija mill-E.T. Mons. Miraslav Ivan Lubachiysky, Arċisqof Koadjatur ta' Lwow. Għoti ta' għarfien ta' mertu lill-Artisti li ħadu sehem fil-Wirja.*

**Nota:** Il-Wirja "L-Ikonografija ta' San Ġorġ fiż-żmien u fl-attwalità" ġiet trasferita minn Ruma għal dawn it-tlett lokalitajiet:

Spoleto — Bażilika ta' San Ewfemja.
Ferrara — Sala Dei Giochi f'Palazzo Estense.
Venezia — Sala Kapitolari tal-Monasteru ta' San Giorgio Martire.

# ISEM ĠORĠ Mifrux ma' kullimkien

**Slaten**
George I (Br.)
George II (Br.)
Goerge III (Br.)
Goerge IV (Br.)
George V (Br.)
George VI (Br.)
George I (Grec.)
George II (Grec.)
**Presidenti**
George Washington (U.S.A.)
Georges Pompidou(Franza)
**Vici-Presidenti**
George Bush (U.S. 1984)
George Dallas (U.S. 1945)
George Clinton (U.S. 1805)
**Prim Ministri**
Georges Clemenceau (Fr.)
George Rallis (Greece)
George Chevaliez (Switz)
Goerge Papandreou (Greece)
George Canning (Br.)
Lyoyd George (Br.)
George Borg Olivier (Malta)
**Politikanti**
George Shultz (USA)
George McGovern (USA)
Georgi Plekhanov (USSR)
Georges Danton (Franza)
George Lansbury (Br.)
Sir Geo. Grey (Br.)
Lord Geo. Gordon (Br.)
Sir Geo. Trevelyan (Br.)
George Kennan (U.S.A.)
**Kapijiet Militari/Navali**
Gen. George Patton (USA)
Field Marsh. Geo. White, V.C.
Adm. George Dewey (USA)
Gen. George Pickett (USA)
Gen. Goerge Marshall (USA)
Gen. George Meade (USA)
Gen. George Zhukov (USSR)
Gen. Georges Boulanger (Fr.)
Gen. George Thomas (USA)
Gen George McClellan (USA)
Gen. George Monk (Br.)
**Rebbieha; Nobel Prize**
George B. Shaw (Litt.) Br.
George Minot (Med.) U.S.A.
George Thompson (Chem.) Br.
George de Hevery (Chem.)Ung.
George Beadle (Med.)USA
George Marshall (Peace) U.S.A
George Pire (Peace) Belg.
George von Bekesy (Med.) USA
George Seferis, (Litt.) Gr.
George Porter (Phys.) Br.
**Rebbieha Pulitzer Prize U.S.A.**
George Kelly (Drama)
George Kennan (Storja)
George Kaufman (Drama)
George Goodwin (Ġurnal.)
George de Cavalho (Ġurnal.)
George Abbott (Drama)
George Crumb (Mużika)
George Oppen (Poeżija)
**Kompożituri**
Georges Bizet (Belg.)
George Handel (Germ.)
George Gershwin (USA)
George Cohan (USA)
Georges Auric (Fr.)
Sir George Macfarren (Br.)
Sir George Elvey (Br.)
George Enesco
George Anthell (Br.)
**Diretturi Mużikali**
Sir Goerge Henschel (Br.)
George Cleve (USA)
**Pitturi**
George Preca (Malta)
George Inness (Br.)
Georges Rouault (Fr.)
Gino Severini (It.)
George Bellows (USA)
George Bingham (USA)
George Braque (USA)
George F. Watts (Br.)
George Romney (Br.)
George Seurat (USA)
George Catcher (USA)
George Morland (Br.)
George Stanfield (Br.)
Sir Geo. Clausen (Br.)
Giorgio de Cherico (It.)
Giorgio Morandi (It.)
Goerge Fripp (USA)
Goerge Fuller (Br.)
George Grosz (USA)
Sir George Harvey (Br.)
Sir George Richmond (Br.)
**Poeti**
George Crabbe (Br.)
George Herbert (Br.)
George Russell (Br.)
George Meredith (Br.)
George Santayana (USA)
George Lord Byron (Br.)
**Kittieba**
George Eliot (Br.)
George Kaufman (Br.)
George Orwell (Br.)
George Sand (Fr.)
George B. Shaw (Ir.)
George Santayana (US)
George Simenon (Belg)
Goerge Ade (USA)
George Abbott (USA)
George W. Russell (Br.)
George Savile (Br.)
George Whyte-Melville Br.
George Wither Br.
George Borrow Br.
E. George Lytton (Br.)
George W. Deeping (Br.)
George Du Maurier (Br.)
**Olympic Champions**
George Hodgson Can. 1500 m. Free Style
George Kojac USA (100m Back Stroke)
George Saling USA (110 Hurdles)
George Rhoden Jam. (400m)
**Sports**
Giorgio Chinaglia (Soccer)
George Foster (Bkt. Ball USA)
Goerge Mikan (Bkt. Ball USA)
George Sisier (Bkt. Ball USA)
George Halas (Base B. USA)
George Gervin (Base B. USA)
George Best (Soccer)
**Artisti**
**(Film Stars, Atturi, Kantanti)**
George Kennedy
George Scott
George Peppard
George Segal
George Lucas
George Hamilton
George Gobel
George Abbott
George Balanchine
George Burns
George Grizzard
George McFarland
George Rose
George Harrison
George Murphy
George Raft
George Sanders
George Arliss
George Bancroft
George Brent
George Lupino
George MacReady
George Price
George Reeves
Giorgio Gaber
Giorgio Albertazzi
George White
George Shearing
Gino Paoli
**Bliet u Postijiet**
Georgia (USA - Stat)
Georgia (USSR - Republika)
St. George (N. Brun swick, Can.)
St George's (Grenada)
George Town (Malaya)
George Town (Gambia)
Georgetown (Texas, USA)
S. Georgia (Falkland)
George Lake (N.Y. State)
St. George's Gulf (Argentina)
St George's Isle (West Indies)
Cape George (S. Africa)
St. George (Australia)
St. Goerge (Utah, USA)
St. George Isle (Alaska)
St Georges (Fr. Guiana)
St. George's Bay (Syria)
St. George's Channel (Eng-Eire)

# Il-Wasla ta' l-Istatwa ta' San Ġorġ f'Għawdex fl-1841

**Wieħed mill-oħla teżori li jżejnu l-Bażilika ta' San Ġorġ hija bla dubju l-istatwa artistika tal-qaddis, kapulavur tal-imgħallem Malti Pietru Pawl Azzopardi. Din l-istatwa għandha valur storiku kbir għaliex hija l-ewwel statwa titulari f'Għawdex.** Fil-qasam tal-wirt artistiku ta' pajjiżna din l-istatwa għandha wkoll importanza konsiderevoli bħala eżempju istruttiv ta' xogħol skultorju fl-injam tas-seklu dsatax.

L-Istatwa inħadmet Malta u meta kienet lesta (1841) ġiet meħuda lejn Għawdex fejn ingħatat laqgħa kbira mill-poplu kollu. Dwar din il-laqgħa mill-qalb li l-Għawdxin taw lill-Qaddis Patrun tagħhom ifakkarna l-kittieb storiku Għawdxi, George Scicluna f'Radio Feature li tella' fuq il-meżżi tax-Xandir snin ilu.

Nisiltu silta minn dan ir-Radio Feature u naraw b'liema mħabba u entużjażmu l-antenati tagħna laqgħu fosthom din l-istatwa. **L-istess imħabba u entużjażmu nixtiequ naraw fuq kull wieħed u waħda minna meta nhar il-Ħamis, 12 ta' Lulju, aħna jkollna x-xorti li nilqgħu r-Relikwija devota ta' San Ġorġ li tinsab meqjuma fil-Bażilika tal-Velabro f'Ruma:**

**Għawdex jilqa' l-ewwel statwa tiegħu**

Fis-seklu li għadda l-ewwel ġrajja storika kienet il-wasla fostna ta' l-istatwa sabiħa ta' San Ġorġ, xogħol fl-injam maħduma mill-imgħallem Paolo Azzopardi tal-Belt Valletta. Kienet is-sena 1841 u meta nġabet minn Malta l-istatwa tqiegħdet fil-Knisja tal-Madonna tal-Ħniena fit-truf tar-raħal tax-Xewkija, qabel ġiet meħuda għall-Knisja tal-Qaddis fil-belt. Kienet okkażjoni straordinarja għan-nies li ħarġet il barra bi ħġarha u wriet għall-ewwel darba fil-beraħ il-ferħ ta' qalbha għad-dehra li ssaħħar ta' San Ġorġ. U l-irġiel u nisa jpaċpċu, u l-qniepen idoqqu - ħalli għalihom.

***Marija:*** Pawl, kemm marru nies fit-triq tax-Xatt avolja hawn il-bogħod.

***Pawlu:*** Ix-xjuħ ukoll ħallew lil djarhom biex jaraw din l-istatwa. Smajthom igħidu li milquta wisq. San Ġorġ qal Toni tagħna li raħ il-bieraħ, jisraqlek qalbek, u n-nies tax-Xewkija ntilfu warajh. J'Alla mhux se jordnaw statwa ta' San Ġwann għand l-istess Imgħallem. Donnu waslu fejn San Pawl. . . are kemm hi kbira l-ġemgħa tan-nies hemm isfel!

***Marija:*** Tassew, kif qiegħed tgħid int, San Ġorġ jidher imma min-nofs it-tiġrija ma tagħraf xejn.

***Pawlu:*** L-iżjed b'dawk l-għonienel tagħraf!

***Roża:*** U din x'inhi, kemm telgħin kaċċaturi 'l fuq, Pawl?

***Marija:*** Dawn x'ġew jagħmlu bl-ixkubetti?

***Pawlu:*** Xtaqt li kelli xkubetta, Roż. Dawn ġew jisparaw matul it-triq b'sinjal ta' festa. Ejjew nimxu 'l fuq sat-Tokk, għaliex dawk iħaffu la darba m'hemmx bini 'l hemm isfel u dalwaqt igħadduna.

***Marija:*** Rożi, f'Misraħ San Ġorġ, Mawriz tagħna qal, diġa' nġabar gozz kbir injam sabiex issir ħuġġieġa kbira waqt li jkunu deħlin b'San Ġorġ.

***Pawlu:*** Mari', imma kemm tħobbu tpaċpċu. Ħaffu ftit biex inkunu Misraħ San Ġorġ qabel in-nies.

***Roża:*** Milli jidher kollox ġej bil-kbir. Bil-fors li din hi statwa gwappa. In-nies ferħana wisq. Dan x'inhu?

(Jinstema' għajjat tal-folla, ġiri, daqq ta' qniepen).

***Marija:*** Ara Pawl! Xi ħlewwa ta' statwa! Ħares ftit! Għaddejjin b'San Ġorġ. L-Arċipriet hemm ukoll qiegħed. Isma' n-nies x'iċċapċap.

***Roża:*** Imma jien ma nista' nisma' xejn, f'dan l-istorbju.

***Pawlu:*** Bħalissa xi trid tisma', ħlief għagħa tan-nies! Marija, taf min għamilha din l-istatwa?

***Roża:*** Min Pawl?

***Pawlu:*** Wieħed jismu bħali - l-Imgħallem Pawlu Azzopardi, li tgħallem taħt il-Mariani, skultur famuż ieħor. Ara Mari, taf x'nagħmlu? Jiena sejjer ma' l-istatwa u niltaqgħu fejn l-Altar ta' l-Erwieħ, xħin jidħlu b'San Ġorġ, sewwa?

***Marija:*** Sewwa. Mur. Jiena sadattant noqgħod ma' Rożi. Roż, Pawlu tiegħi lemaħ lil sħabu l-antiki u qisu jrid jagħmel bħalhom il-lejla.

***Rosi:*** U ħallieħ ħa jmur. Jagħmel sewwa jċapċap lil San Ġorġ . . . daqs kemm jiġbdek.

U hekk San Ġorġ għadda għall-ewwel darba mit-Tokk, mit-triq li tieħu dritt għall-misraħ fejn tinsab il-parroċċa. San Ġorġ daħal b'dak l-istess briju li għadu jsirlu sal-lum, x'ħin ikun miexi f'baħar ta' nies ferħana. Minn dak iż-żmien sal-lum, San Ġorġ sema' mitt elf ċapċipa, miljun 'evviva', San Ġorġ laqa' mitt elf warda, u foroq ibħra ta' nies - kbar, żgħar, nisa u rġiel - isellmulu b'ferħ ifawwar mill-qalb, bid-dmugħ fl-għajnejn. Din hi d-dehra li tqanqlek meta kull sena San Ġorġ ikun dieħel ġewwa l-knisja tiegħu. L-imħabba ta' l-Għawdxin lejn San Ġorġ issa sabet f'hiex tinfexx u tisvoga. U l-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ laqgħet fi ħdanha l-ikbar teżor li għandha l-istatwa tal-Qaddis, Protettur ta' l-Għawdxin.

jaqbad minn paġna 4

1904 p.441). Barra min dan f'dawk il-pajjiżi dominati mill-Biżantini bħas-serbo-croatia bil-kelma 'ban' jifhmu 'Il-Patrun' is-Sid. It-tempju jinstab ftit il-bogħod mid-Dwejra-Dar żgħira, knisja żgħira, kunvent żgħir. Dawn it-trufijiet kollha ilkoll juru u jixhdu li dan it-tempju troglodit li jħares lejn inżul ix-xemx mill-insara ġie ddedikat lil S. Ġorġ u minnu nibtu l-ismijiet 'Il-Qasam Ben Jorj' u 'Ġebel Ben Jorj'.

Dr. G. Wettinger (Civilization No. 8 p.28) isemmi wkoll biċċa art f'Għawdex magħrufa bl-isem ta' Beule 'in Guardo S. Georgio' fl-atti tal-15.X.1567 ta' Tumas Gauci. Fl-1410 jisemma S. Ġorġ tal-Ħaġar f'legat imħolli minn Arnaldo Arabi it-tieni raġel ta' Isoldea mart Goffredo Inguanez.

Dawn huma ilkoll trufijiet li juru kemm huwa qadim il-kult ta' S. Ġorġ f'Għawdex. Forsi l-quddiem jinstabu aktar trufijiet.

# Il-Megalomartri San Ġorġ

## *F'egħluq is-17-il mitt sena minn Twelidu*

*Joe M. Attard*

Fi żmien qasir, fil-gżira Għawdxija issir il-festa f'ġieħ il-Patrun Martri San Ġorġ. Fil-ġawhra ta' Bażilika ddedikata lilu fil-qalba tal-Belt Victoria, għad-dell tat-Tribuna tal-Bernini u l-kwadru titulari tal-Mattia Preti, isiru funzjonijiet tassew sbieħ u devoti bis-sehem speċjali, din is-sena, Tal-Kardinal Rossi, tal-Kardinal Urso u ta' Mons. Dante Balboni, awtorità fuq San Ġorġ flimkien ma' bosta dinjitarji oħra, filwaqt li s-Soċjeta 'La Stella' tieħu ħsieb il-festi popolari ta' barra. Flimkien mal-Banda 'King'sOwn' tal-Belt Valletta, fil-festi esterni ta' San Ġorġ jieħdu sehem ukoll xi wħud fost il-baned Għawdxin, waqt li t-tiżjin tat-toroq u l-logħob tan-nar ikompli jagħmlu minn din il-festa spettaklu ta' ferħ u briju li tant huma nieqsa fi żmenijietna.

Iżda f'dan l-artiklu qasir tiegħi, ma xtaqtx nillimita ruħi biss għal dak li jsir f'Għawdex matul il-ġimgħa tal-festa, imma xtaqt ngħaddilkom xi tagħrif dwar dan il-qaddis żagħżugħ, b'mod speċjali dwar l-eżistenza tiegħu li jiena slitt, fost ħwejjeġ oħra, minn kitba li Mons. Balboni kien kiteb fl-"Osservatore Romano" tat-23 t'April tas-sena l-oħra.

Huwa tassew f'postu li f'egħluq is-17-il seklu mit-twelid ta' San Ġorġ, aħna nfakkru l-ġrajja ta' wieħed li huwa xhud 'per eċċellenza' ta' Kristu, magħruf bħala l-"Megalomartri", minħabba li l-qima lejh tinsab imferrxa mal-pajjiżi kollha tal-Lvant u tal-Punent u maż-żmenijiet kollha, sa mill-ġurnata tal-martirju tiegħu 'l hawn. Huwa fatt li l-figura nobbli taż-żagħżugħ tal-Kappadoċja, ġiet immortalizzata minn pitturi, skulturi u arkitetti ta' fama kbira, imma fuq kollox mill-għadd bla tarf ta' devoti li tawh kult universali matul is-17-il mitt sena minn mindu kien ħalla rasu taħt ix-xafra tal-bojja fuq l-ordni tal-imperatur Dijokleżjanu.

Fil-gwidi tal-Palestina, xogħol Teodoru Perigeta tas-sena 530, hemm imsemmija l-belt ta' Diospoli fejn San Ġorġ ġie martirizzat, fejn jinsab il-ġisem tiegħu u fejn jiġru ħwejjeġ ta' l-għaġeb. Din hija kitba li tmur biss madwar żewġ sekli lura mill-mewt tal-Qaddis li ġrat fis-sena 303. Ma' dan ix-xogħol jiżdiedu d-dokumentazzjonijiet ta' Antonio di Piacenza (670) u Adamanno (670) u jitkellmu wkoll waħidhom il-ħitan tal-Bażilika ta' Kostantinu tar-Raba' Seklu u l-għadd kbir ta' bażiliċi simili li lkoll inbnew mis-sitt seklu 'l hawn. Naturalment, kritika storika magħmula bil-għaġla u bil-ħatfa dehret kemm-il darba maż-żmenijiet, iżda din qatt ma ħalliet xi riżultati! Għall-kuntrarju, għadd kbir u varju ta' fatti jixhdu l-istoriċità u l-awtentiċità tal-qaddis Martri Patrun ta' l-Għawdxin u l-Maltin, fatti u testimonjanzi akbar minn dawk li jeżistu fuq persunaġġi ċelebri oħrajn. L-eqdem test jinsab f'epigrafi griega tas-sena 368 A.D. li ssemmi 'dar tal-martri qaddisin u trijonfanti Gorg u sħabu'. Tagħrif siewi mill-Ballandisti flimkien ma' bosta kotba liturġiċi joffrulna informazzjoni li tista' tagħmi lil min mhux imħarreġ sewwa fil-kitba storika. L-istudjuż serju jrid jagħraf jagħżel dak li hu fantastiku minn dak li hu veru, skond il-kriterji miksuba mill-esperti ta' l-aġografija u bis-saħħa ta' studji konkreti. Id-diskors ta' San Pier Damiani, li ġie mdaħħal fil-Brevjar il-ġdid, iħalli barra dak li hu fantastiku



u jiġbor fih dak li hu essenzjali fil-ħajja tal-qaddis martri li stqarr b'demmu stess il-fidi tiegħu fi Kristu n-Nazzarenu. L-esistenza fiżika ta' San Ġorġ tirriżulta mill-eżamijiet xjentifiċi ta' l-għadam tiegħu li saru fl-Istituto di Antropologia ta' l-Università ta' Bologna.

Mhix ħaġa ħafifa li nitkellmu fil-qosor dwar il-kult li minn dejjem ingħata b'qima lil San Ġorġ u fuq ix-xhieda bla għadd li jippruvaw dan il-kult. Forsi jkun biżżejjed li wieħed isemmi n-numru bla għadd ta' artali u knejjes li lilu ġew iddedikati mal-milja taż-żmien fi bliet kbar mad-dinja kollha. Inżid ingħid hawn hekk jiena x-xhieda tal-poplu tagħna li sew f'Malta ġewwa Hal Qormi kemm f'Għawdex fil-belt Victoria, ħa ħsieb iddedikalu żewġ tempji mill-ikbar u mirquma, barra x-xbihat diversi tiegħu li nsibu mxerrda fi knejjes u kappelli u djar privati.

U nagħlaq dan it-tagħrif billi nuża hawnhekk il-kelmiet preċiżi tat-Traduzzjoni ta' l-Avukat Gorg Zammit meta kiteb: "Il-Kommemorazzjoni ċentinarja tat-Twelid ta' San Ġorġ, imqanqla mir-Rettur tal-Bażilika Rumana tal-Velabro u minn għadd ta' studjużi joffrulna mottiv biex nidħlu f'riflessjoni ta' karattru reliġjuż u kulturali, imqassma matul is-sena, biex nifhmu iktar fil-fond, fuq l-eżempju ta' figura hekk imdaw la l-valuri tax-xhieda persunali għal Kristu'.

Nota ta' l-aħħar: bil-għan li dan iċ-Ċentinarju Ġorġjan ma jgħaddix bla mfakkar u biex ikun iċċelebrat kif jixraq, twaqqfu f'Ruma, 'Comitato d'Onore' patronizzat minn bosta kardinali, prelati u personalitajiet oħra mid-dinja tar-reliġjon, xjenza u kultura, u 'Comitato di Lavoro'.

Il-gżira tagħna wkoll qed tingħaqad mal-Belt Eterna fil-festi ċentinarji li qed jiġu ċċelebrati għax il-poplu tagħna lil dan il-qaddis, igħożżu, iħobbu u lejh dejjem resaq fil-bżonnijiet tiegħu. Dawn huma festi li żgur għandhom relevanza reliġjuża u kulturali għad-djoċesi kollha.


Is-Sitt Cassette Tape
tal-Banda LA STELLA:

**"FESTA CENTINARJA"**

**Cassette b'aktar marċi tal-Festa ta' San Ġorġ**

- *Disa' Marċi Brijużi*
- *Innu Reliġjuż*
- *Innu Marċ*

**Rigal sabiħ għalik jew għal qrabetek u ħbiebek emigranti.**

# TAGĦRIF FIL-QOSOR DWAR IL-PROGRAMM TAL-FESTI ĊENTINARJI LI SER JIĠU ĊELEBRATI F'ĠIEĦ SAN ĠORĠ MEGALOMARTRI F'EGĦLUQ IS-17 IL-MITT SENA MIT-TWELID TIEGĦU

***Il-Ġimgħa 6 ta' Lulju***
8.00 a.m. Fil-Bażilika Jum ta' Adorazzjoni Solenni.
7.00 p.m. Quddiesa mill-Vigarju Ġenerali, Mons. Clo Xuereb, bis-sehem taż-żgħażagħ.
8.00 p.m. Kunċert Vokali mill-Glasgow Youth Choir.
***Is-Sibt 7 ta' Lulju***
6.30 p.m. Pontifikal minn Mons Isqof N. Cauchi
*8.00 p.m. Marċ minn La Stella u wara ħruġ ta' l-istatwa*
***Il-Ħadd 8 ta' Lulju***
10.00 a.m. L-Ewwel Quddiesa Sollenni tas-Saċerdot Novell, Fr. Alfred Xuereb.
**It-Tnejn 9 ta' Lulju**
5.00 p.m. Funzjoni għall-morda minn Mons. *Isqof* Pawlu Darmanin.
7.00 p.m. Ftuħ tat-Tridu - Għasar Solenni u Priedka minn Dun Pawl Genovese, Innu, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
***It-Tlieta 10 ta' Lulju***
5.00 p.m. Funzjoni għat-Tfal minn Mons. Isqof Djoċesan.
7.00 p.m. Kollox bħall-jum ta' qabel. Jiffunzjona l-Isqof Cauchi.
**L-Erbgħa 11 ta' Lulju**
5.00 p.m. Funzjoni għall-Emigranti
6.30 p.m. Wasla fil-Bażilika tal-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Corrado Ursi, Arċisqof ta' Napli sabiex imexxi l-funzjonijiet ta' għeluq it-Tridu.
9.30 p.m. Dimostrazzjoni bl-istatwa ta' San Ġorġ fuq iż-Żiemel bis-sehem tal-baned La Stella u Mnarja.
**Il-Ħamis 12 ta' Lulju**
8.30 a.m. Laqgħa tal-Kardinal Ursi mall-Kleru fis-Seminarju.
6.15 p.m. **Wasla minn Ruma tar-Relikwija Mirakoluża ta' San Ġorġ fl-Mgarr, Għawdex,** u tluq b'Carcade lejn il-belt Victoria.
7.00 p.m. **Il-Kardinal ursi flimkien mall-Kapitlu u l-Kleru jilqa' r-Relikwija fi Triq ir-Repubblika mnejn titwassal proċessjonalment sa Pjazza San Ġorġ.** Takkumpanja l-Banda La Stella.
7.30 p.m. Fi Pjazza San Ġorġ isir indirizz ta' merħba minn Mons. Arċipriet E. Mercieca, u jindaqq l-Innu "A San Giorgio Martire".
8.00 p.m. Il-Kardinal Ursi jmexxi Konċelebrazzjoni Pontifikali Solenni fil-Bażilika.
9.30 p.m. Riċeviment fil-każin La Stella ad unur tal-Kardinal.
**Il-Ġimgħa 13 ta' Lulju**
8.15 a.m. Konċelebrazzjoni mill-Kapitlu Ġorġjan
9.00 a.m. Quddiesa għar-romol tal-parroċċa.
5.00 p.m. **Wasla fil-Bażilika tal-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Opilio Rossi** sabiex imexxi Konċelebrazzjoni Pontifikali flimkien mal-Kapitlu u l-Kleru.
6.30 p.m. Akkademja Mużiko-Letterarja fil-Bażilika taħt il-ħarsien tal-E.T. il-Kardinal Rossi. Direzzjoni Mużikali ta' Joseph Vella.
9.00 p.m. Marċ mill-Banda Mnarja u wara Programm fit-Tokk.
9.30 p.m. **Dimostrazzjoni bl-istatwa ta' San Ġorġ** bis-sehem tal-baned La Stella u Victory. Il-Banda La Stella iżżanżan sett ta' marċi ġodda.
***Is-Sibt 14 ta' Lulju***
8.15 a.m. Konċelebrazzjoni Solenni minn Mons. Dante Balboni flimkien mall-Kapitlu u l-Kleru tal-Bażilika. Kant ta' Te Deum.
9.00 a.m. Marċ minn La Stella.
11.30 a.m. Riċeviment ad unur l-E.T. il-Kardinal Rossi fil-Każin La Stella.
6.30 p.m. Marċ mill-Banda La Stella mill-Każin sa Pjazza San Ġorġ.
7.00 p.m. **Translazzjoni Pontifikali** mmexxija mill-E.T. il-Kardinal Rossi. Primi Vespri mill-E.T. Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca u Ċelebrazzjoni Ewkaristika minn Mons. Isqof Nikol Cauchi.
8.00 p.m. Programm fi Pjazza San Ġorġ mill-Filar. King's Own.
*9.00* p.m. Marċ minn Pjazza San Franġisk sat-Tokk mill-Banda Prekursur, u programm mużikali.
*9.30* p.m. **Marċ Kbir mill-Baned King's Own u La Stella.** Fi Triq ir-Repubblika ż-żewġ bàned idoqqu bhala Massed Band.
***Il-Ħadd 15 ta' Lulju***
7.00 a.m. Konċelebrazzjoni mill-Kapitlu tal-Katidral
8.15 a.m. Marċi mill-Filar. King's Own.
8.30 a.m. Wasla fil-Bażilika tal-E.T. il-Kardinal Rossi.
8.50 a.m. **Konċelebrazzjoni Pontifikali mill-E.T. il-Kardinal Rossi flimkien ma' l-Arċisqof Metropolita u l-Isqof Djoċesan.** Jieħdu sehem ukoll Mons. F. Canalini. Charge D'Affairs tal-Vatikan, l-Abbati Dom Angelo Mifsud u l-Kapitlu u l-Kleru.
10.05 a.m. Xandir tas-sett ġdid ta' Marċi minn La Stella fuq Cable Radio.
10.30 a.m. Marċ Brijuż mill-Filar. King's Own.
3.30 p.m. Tiġrijiet kbar tal-bhejjem.
6.45 p.m. Marċ mill-Banda L'Isle Adam tar-Rabat, Malta u Programm mill-istess Banda fi Pjazza San Ġorġ.
7.00 p.m. Marċ mill-Banda Victory u Programm mill-istess banda fit-Tokk.
7.30 p.m. Ħruġ tal-Proċessjoni Pontifikali. Daqq tal-innu "A San Giorgio Martire". Il-Proċessjoni titmexxa mill-Kardinal Rossi flimkien mall-E.T. L-Isqof Nikol Cauchi u bis-sehem tal-Abbati Dom Angelo Mifsud, il-Kapitlu, Kleru u membri tal-ordnijiet Reliġjużi. Jieħdu sehem ukoll il-Kapitoli tal-Kolleġġjati, l-Arċiprieti u l-Kappillani tad-Djoċesi. Fil-proċessjoni tinġarr l-istatwa tal-Qaddis u r-Relikwija Mirakoluża tal-Velabro. Takkumpanja l-Banda La Stella.
10.30 p.m. Il-Banda La Stella tagħlaq il-Festi Ċentinarji b'daqq ta' marċi brijużi fi Pjazza San Ġorġ.

## *GEORGIUS NATUS EST*

**MUŻIKA: Mro. Joseph Vella** **VERSI: Kan. Joe Mejlak**

Mis-sema fiddien tal-Kappadoċja
feġġet tiddi stilla ta' ġmiel bl-isem ta' Ġorġ;
u ferħet id-dinja għalenija
b'din il-bxara - tama u qawwa w sliem f'kull żmien.

Ref. Xterdet b'ħeffa u ġriet b'imħabba kbira
dik il-kelma li tferraħ qalb l-Għawdxin:
San Ġorġ, San Ġorġ,
insellmu 'l-Kampjun tal-Qaddisin;
San Ġorġ, San Ġorġ,
ħarisna u ħudna hdejk fis-sliem.

Mill-ġnejna ta' qalbna naqtgħu fjur li
jixhed biss imħabbitna lejn San Ġorġ,
ejjew f'dan il-jum ta' festa kbira
ngħannu 'l Ġorġi innu ta' ġieħ u ta' tifħir.

Ref. Xterdet b'ħeffa u ġriet b'imħabba kbira
dik il-kelma li tferrah qalb l-Għawdxin:
San Ġorġ, San Ġorġ,
insellmu 'l-Kampjun tal-Qaddisin!
San Ġorġ, San Ġorġ,
ħarisna u hidna hdejn fis-sliem.

## LIL SAN ĠORĠ MARTRI
## ĠMIEL U ĠAWHRA

**MUŻIKA: Mro. Sunny Galea** **VERSI: Kan Joe Mejlak**

San Ġorġ martri, maħbub tagħna,
Aħna lkoll ġejna nqimuk;
F'din il-għodwa ta' l-Għid tiegħek
Imħabbitna rridu 'ntuk.

Ref:
Ġmiel u ġawhra tal-Belt tagħna,
Ġorġi l-għaxqa ta' l-Għawdxin:
Stilla sbejħa tilma dejjem
Fuq il-wiċċ tagħna l-Maltin.

Meta jasal dal-jum hieni
Qalbna tfur bil-ħeġġa għalik,
Għax Ġorġjani f'Malta w Għawdex
Ma jhedewx jiftaħru bik.

Ġmiel u ġawhra. . .

Ġorġi tagħna, minn ġos-sema
Itfa' ħarstek fuq din l-art
Fejn hemm jgħixu l-ulied tiegħek
Li patrun tagħhom inħtart.

Ġmiel u ġawhra. . .

Qatt thallina hawn wehidna
Imma żommna taht għajnejk
sabiex wara tmiem dil-hajja
Ġewwa l-Ġenna niġu ħdejk.

Ġmiel u ġawhra. . .

Għalhekk din il-festa kbira
Il-Ġorġjani magħqudin
Jagħmlu f'ġieħek ta' kull sena
Ta' Ħal-Qormi u r-Rabtin.

Ġmiel u ġawhra. . .

Ejjew mela llum nifirħu,
Waqt li ntennu lkoll flimkien
Viva Ġorġi! -- l-għajta kbira
Li ma jnessi l-ebda żmien.

Ġmiel u ġawhra. . .



A & M PRINTING LTD. - QALA - 553217